# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur   GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111   Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt   Website : www.Għargħur.gov.mt**


***Minuti tal-Laqgħa Numru 58 tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 30 ta' Ġunju 2014 fl-4.00 p.m.***

**Presenti :**

| | |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Alfred Muscat |
| | Vincent A Galea |
| **Segretarju Eżekuttiv** | Louise-Anne Gusman |
| **Ambaxxatriċi Żgħażugħa** | Rebecca Chircop (skużata – indisposta) |

**58/01 Talba**

58/01/01 Il-laqgħa bdiet fl-4.15 ta' wara nofsinhar billi ntqalet it-talba. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) infurmat lill-Kunsill li l-Ambaxxatriċi Zgħazugħa bagħtet email fejn talbet sabiex tiġi skużata peress li kienet xogħol. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi skużata.

**58/02 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 57.**

58/02/01 Emenda fuq il-minuta 57/07/06 biex jinqata' l-kliem '*kienet ittieħdet azzjoni mill-ewwel u l-provista ġiet normali wara li tranġat il-ħsara li kien hemm.'* Din l-emenda ġiet approvata mill-Kunsillieri unanimament.

58/02/03 Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati u iffirmati l-Minuti tal-Laqgħa Numru 57 kif emendati. Is-Sindku u s-SE iffirmaw il-Minuti tal-Laqgħa 57/06.

**58/03 Punti mtella' mill-Minuti tal-Laqgħa Numru 57**

58/03/01 **Para 57/03/01 :- *Tender* għax-xiri u installazzjoni ta' *lifter***: Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni għar-*refund* tal-*lift* intbgħatet lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali (DGL). Kulma kien jonqos iċ-ċertifikazzjoni tal-Perit tal-Kunsill sabiex jiċċertifika x-xogħol u l-kont. Is-SE infurmat li hija bgħatet il-*Performance guarantee* lura lill-bank konċernat. Is-SE u l-Kunsillier Alfred Muscat għandhom jieħdu ħsieb li jordnaw *cover* sabiex jiġi mgħotti dan il-*lifter* meta ma jkunx qed jintuża.

58/03/02 **Para 57/03/02:- It-Torri tas-Semoforu**: Is-SE infurmat lill-Kunsill li bdiet taħdem fuq il-formola tal-ARMs tal-*metres* tad-dawl u l-ilma u għandha titlob lis-Sur Stigter sabiex jgħaddilha xi dokumenti u jiffirma l-formola. Il-Kunsill ħeġġeġ lis-SE sabiex din il-materja tiġi konkluza malajr għaliex issa ilha pendenti.

58/03/03 **Para 5703/03:- Ġnien tal-Ponta**: Ix-xogħol fuq Ġnien il-Ponta kważi tlesta u twaħħlu wkoll il-bankijiet, *bins* u *picnic tables*. Is-SE ser tkellem tal-ELC ħalli titlesta *soft area* li kien għad fadal. Is-SE kitbet lill-*Paying Agency* sabiex jiġu emendati l-*line items* kif ukoll sabiex titlob revizjoni tal-fondi imma hi għadha qed tistenna lill-Perit jibgħatilha il-kont rivedut. Kif ix-xogħol kollu ikun lest is-SE għandha titlob lil-Perit Grech sabiex jitlob il-*Compliance certificate* mill-MEPA. Is-SE għandha tordna tabella skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-kuntratt. Is-SE għadha qed tistenna kwotazzjoni mill-ELC sabiex

dan il-ġnien jiddaħħal fil-programm tax-xogħol għat-tisqija. Il-Kunsill unanimament approva li sadanittant jinġieb *bowser* tal-ilma li se jsaqqi kemm dawn is-siġar, kif ukoll dawk tas-*Searchlight Battery* darba fil-ġimgħa. Is-SE intalbet toħroġ il-*works order*.

58/03/04 **Para 57/03/04**:- **Triq San Gwann**: TM aċċettaw li jirranġaw l-*bollards* ta' Triq San Gwann u ser jippruvaw iwaħħlu *bollards* aktar b'saħħithom kif ukoll ikkonfermaw li jonqos iwaħħlu l-*cats eyes*. Is-SE intalbet issegwi.

58/03/05 **Para 57/03/05 :- Laqgħa mas-*CEO* tal-*Green MT* eċċ–** Is-SE infurmat li bgħatet kemm il-*reminder* lis-*CEO* tal-*Green MT* dwar il-pagament pendenti ta' €2,310 u l-konsenja ta' boroz grizi u l-ħlas għall-avviż fil-fuljett. Ġie deċiż li flimkien mal-Kunsillier Alfred Muscat tagħmel kuntatt mas-Sur Attard dwar dan.

58/03/06 **Para 57/03/05/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien daħal Appell għat-*Tender - The Collection of Mixed Household Waste* mis-Sur Braydon Azzopardi. Is-Sur Azzopardi ħalla l-ittra tal-appell tiegħu fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u ħalla d-depositu ta' €700 peress li l-valur tat-tender kien stmat €140,000. Is-SE kienet tablet gwida mill-*Public Contract Review Board* (PCRB) kemm qabel ma rċeviet l-appell, kif ukoll wara li rċeviet appell. Hija ppreparat d-dokumenti meħtieġa u ħadet kollox fl-uffiċċju tal-PCRB. Is-SE issuġġeriet li l-Kunsill jaħtar avukat biex jgħinhom f'dan l-appell. Il-Kunsill unanimament qabel li jaħtar lill-Avukat Dr John Gauci li skont informazzjoni li għandhu l-Kunsill, huwa intiz f'dawn it-tip ta' appelli eċċ.

58/03/07 **Para 57/03/05/02:-** Dwar il-manutenzjoni u ż-żamma tal-latrina pubblika u l-ftuħ u l-għeluq ta' Ġnien il-Paċi s-SE infurmat li l-Kunsill ma rċieva l-ebda appell fuq dan it-*tender*. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg l-*Letter of Acceptance* lis-Sur Braydon Azzopardi ħalli kif ġġib il-*Performance Guarantee* jiġi iffirmat il-kuntratt. Il-Kunsill unanimament approva li s-Sindku u s-SE jiffirmaw l-kuntratt il-ġdid b'effett mill-1 ta' Awissu 2014. Is-SE intalbet sabiex kif jiġi iffirmat il-kuntratt tinforma lill-kuntrattur preżenti li l-kuntratt tiegħu ser jiskadi fil-31 ta' Lulju 2014.

58/03/08 **Para 57/03/05/03:-** Is-SE infurmat li dawk il-Periti li kienu għamlu offerta ser jiġi infurmati kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa. Hi ser tistenna għaxart (10) ijiem għal xi appell u jekk ma jkunx hemm appell tibgħat lura l-ħlas li kien sar biex inxtara d-dokument tat-*tender* u tibgħat ukoll lura l-garanziji tal-bank. Is-SE intalbet toħroġ sejħa ġdida malajr u fl-*ispecifications* jiġi iddettaljat eżatt x'għandu bżonn il-Kunsill.

58/03/09 **Para 57/03/05/04:-** Is-SE infurmat li qiegħda taħdem fuq id-dokument tas-sejħa għax-xiri u twittija tal-konkos fi Sqaq il-Maħruq. Hija infurmat li l-MAG bgħatu l-aħħar verzjoni tal-kuntratt u hija marret biex tiffirma l-kuntratt. Is-Sindku ser jiffirma l-kuntratt aktar tard peress li kien indispost. Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt jibda fil-15 ta' Lulju 2014 u jagħlaq fl-aħħar ta' Settembru 2014 pero' tista' tintalab estenzjoni. Il-Kunsill unanimament qabel li tinħareg sejħa urġenti bil-għan li sat-30 ta' Settembru 2014 ikun sar ix-xogħol u tilħaq tintbagħat il-*claim* lill-*Paying Agency*.

58/03/10 **Para 57/03/06**:- ***Euro Clean:*** : Is-SE infurmat li għad trid tiċċekkja l-kontijiet tal-*Euro Clean* dwar id-*diesel*. Kif is-SE tippreżenta dawn il-Kunsill ikun jista' jieħu deċizzjoni fuq il-każ.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**


58/03/11 **Para 57/03/07 :- Festival tal-Ħalib 2014** –Is-SE infurmat li l-irċevuti ntbgħatu lid-DLG għal rifuzjoni ta' parti mill-ispejjez u li qed tistenna konferma meta se jintbgħatu l-fondi lill-Kunsill.

58/03/12 **Para 57/03/08 :- *Live Streaming*:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li t-talba għal rifuzjoni tal-ispejjez tal-*Live Streaming* inbgħatet u li qed tistenna konferma meta se jintbgħatu l-fondi lill-Kunsill.

58/03/13 **Para 57/03/09 :- Ilment 18114083204463** – Is-SE infurmat dalwaqt ser tinħareġ l-*works order* għat-*traffic humps* u t-tabelli meħtieġa kif ikollha l-kejl tal-humps.

58/03/14 **Para 57/03/10**:- **Plakek ħdejn postijiet storiċi:-** Il-Viċi Sindku ppreżenta l-informazzjoni dwar il-Knisja Parrokkjali. Huwa għandu jmur għand id-*designer* ħalli jordna il-*perspex* b'dan il-kliem. Il-Kunsill unanimament approva dan.

58/03/15 **Para 57/03/11 :- Kunċert Mużikali:** Is-SE infurmat li l-inviti nbtgħatu. Il-Kunsill unanimament approva biex jinħarġu inviti ukoll lill-ex Segretarji Ezekuttivi u ex-ħaddiema amminisrativi li kellu l-Kunsill dawn l-aħħar 20 sena. Il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Muscat iltaqgħu mal-Kapillan sabiex jikkordinaw l-logistika ta' dakinhar. I-Kunsill unanimament approva li jinfurmaw lis-Sinj Therese Gauci sabiex tkun il-*compere* waqt is-serata. Ġiet unanimament approvata l-istima mingħand La Ciliega li tinkludi ukoll is-servizz ta' 3 *waiters*. Is-SE intalbet tordna ċ-ċertifikati li ser jingħataw f'din l-okkazzjoni.

58/03/16 **Para 57/03/12 :- Jum ir-Raħal 2014:** Is-SE infurmat li s-*service order* għas-servizz tal-Kor Pax Christii u l-*Works orders* għall-provvista' ta' dawl u *PA* system, transport għad-diversi ħarġiet, kiri ta' siggijiet eċċ kienu inħarġu. Kif il- Viċi Sindku jipprepara il-*flyer* dan se jitqassam fid-djar kollha tar-raħal. Il-Viċi Sindku ppreżenta l-lista tal-parteċipanti bil-ħlas dovut lilhom rispettivament: photographer: €60, Sharpei Dancers €60, Federica Falzon €100; Cauchi Gaia €100, Calleja Franklin €60, Muscat Jessica €60, Freddie Portelli €300. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru dawn il-pagamenti.

58/03/17 **Para 57/03/13:- *Business Plan* 2014 -2017:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li għad trid tirrevedi l-*Business Plan* u tipprepara r-Rapport Amministrattiv. Is-Sindku fakkar ukoll fil-*Quarterly Financial Report* li jrid jintbaghat lid-DLG sal-15 ta' Lulju 2014. Is-SE ser tieħu ħsieb tikkordina mal-*accountant* tal-Kunsill.

58/03/18 **Para 57/03/14 :-** Is-SE infurmat li hija għadha ma rċevietx l-approvazzjoni mill-*Enemalta* sabiex titwaħħal bozza ġdida ma arblu fi Triq Dun Karm Fenech kantuniera ma Triq Indipendenza. Rigward il-bozza ta' Triq Zellieqa din għad trid tiġi imqabbda mad-dawl mill-Enemalta. Is-SE intalbet tgħaddi ir-*reference numbers* ta' dawn il-bozoz lill-Kunsillier Christopher Fenech ħalli jkun jista' jsegwi x-xogħol hu ukoll.

58/03/19 **Para 57/03/15:- Poloz tas-Sigurta':-** Is-SE infurmat il-Kunsill li se tieħu ħsieb timxi mar-rakkomandazzjoni tal-awditur sabiex jiġu aġġustat l-valur assigurat ta' ċerti assi wara konsultazzjoni mas-Sindku.

58/03/20 **Para 57/03/19 :-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li hija tkellmet mal-kuntarttur li jiffornixxi iż-żebgħat tat-triq. Huma għandhom ibiddlu l-kontenituri taż-żebgħa bajda li ngħataw

lill-Kunsill peress li kienet żebgħa inferjuri. Is-SE intalbet tinforma lill-ħaddiem sabiex jerġa jagħmel il-marki tat-traffiku fi Triq Stiefnu Zerafa. Is-SE infurmat li l-ħaddiem l-ieħor kien qiegħed jaqta' l-ħaxix fi Triq il-Ġnien u Triq Għaxqet l-Għajn, Tal-Ferħa u fl-isqaqien, eċċ. Is-SE intalbet tikteb lill-Koptasin sabiex marki tat-traffiku '*give way*' fi Triq Caravaggio kantuniera ma Triq Naxxar jinbidlu għal '*stop*'.

58/03/21 **Para 57/03/20**:- Is-SE infurmat li hija tkellmet ma SE ta' Kunsill ieħor fejn infurmagħha li dawk it-tip ta' tabelli taż-*zebra crossing* kienu saru mit-TM. Is-SE intalbet tikteb lit-TM sabiex jagħmlu tabelli li jaħdmu bis-solar għaż-*zebra crossing* tal-Pjazza.

58/03/22 **Para 57/03/21:- Triq Fra D Mifsud** Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-kuntratturi li tefgħu l-offerta' għall-kisi bit-tarmak ta' Triq Fra D. Mifsud u toħroġ il-*Letter of Acceptance*. Is-Sindku u s-SE ġew awtorizzati jiffirmaw il-kuntratt.

58/03/23 **Para 57/03/22:-** Is-SE infurmat lill-Kunsill li għada ma rċevietx l-ebda risposta mil-Bord tas-*Street Naming Committee* jekk ittieħditx deċizjoni dwar it-talba tal-Kunsill għaż-*Zone Naming*. Is-SE intalbet tkompli ssegwi dan il-każ.

58/03/24 **Para 57/03/23:- Approvazzjoni tal-Aġġustamenti tal-Awditur**. Is-SE infurmat li r-risposta tal-*Management letter* nbgħatet lill-National Audit Office u kopji lill-Accountant, lill-Awditur u lill-DGL. Hija għaddiet kopja tar-risposta lill-Kunsillieri kif ukoll ġew imtellgħa fuq il-*website* tal-Kunsill il-*Financial Statements 2013*. Hija għad trid itellgħa l-Estimi Finanzjari 2014 fuq il-*website*. Hija se tieħu ħsieb tibgħat il-minuti tal-laqgħat li saru fil-2013 għall-*binding*.

58/03/25 **Para 57/03/25**:- ***Culvert* ta' Triq il-Ġnien**. Is-SE infurmat li x-xogħol ser isir nhar il-Ħamis li ġej. Ir-resident għandhu jiġu mgħarraf b'dan ix-xogħol mis-Sindku u mill-Kunsillier Muscat.

58/03/26 **Para 57/03/26**:- **Librerija**. Is-SE infurmat li ser jiġu ordnati 3 bnadar ġodda u l-arbli tagħhom. Il-Kunsill unanimament approva li l-arbli jinħadmu mis-Sur Salvu Fenech. Is-SE intalbet toħroġ il-*works order* għal dan ix-xogħol. Is-SE infurmat li l-ixkaffi tneħħew minn fuq il-post. Il-Kunsillier Galea kellu jieħu ħsieb ikellem lill-Head tal-Iskola biex tordna 2 *covers* tan-*neon tubes.*

58/03/27 **Para 57/03/27**:- Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur għadu ma waħħalx il-fanal ġdid fil-Pjazza tad-Dejma. Hija għandha terġa tieħu ħsieb biex tfakkru f'dan ix-xogħol.

58/03/28 **Para 57/03/28**:- Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-laqgħa mal-uffiċċjali tal-Pulizija li huma responsabbli mill-lokalita' flimkien mal-Kapillan saret nhar il-Ħamis 26 ta' Ġunju fil-5.30 pm. Waqt din il-laqgħa kien hemm preżenti s-Sindku, l-Kunsillieri Fenech u Muscat u s-SE u s-Supt Sharon Tanti, l-Ispettur Josric Mifsud u l-Kapillan Fr C. Galea. Ġew diskussi temi varji bħal l-importanza ta' izjed sorvelljanza mill-Pulizija fir-raħal speċjalment infurżar tal-liġijiet tat-traffiku u tal-ambjent kif ukoll il-preżenza tal-Pulizija waqt attivitajiet fil-lokalita' inkluz purċissjonijiet. Is-Supt Tanti irringrazzjat lis-Sindku, lill-Kunsillieri u lis-SE ta' din il-laqgħa importanti u spjegat li fid-distrett hemm nuqqas kbir ta' Pulizija pero' wegħdet li ser tara sabiex kemm jista' jkun jiżdied is-servizz tal-Pulizija fir-raħal.

58/03/29 **Para 57/03/30 :-** Is-SE u l-Kunsillier Muscat iltaqgħu mar-rappreżentant mit-TM fejn urewh fejn hemm *Second class water reservoirs and large wells owned by Government.* Il-Kunsillier Muscat indika ġwiebi u bjar fi Ġnien il-Paċi, fil-pjazza tal-Knisja, fil Triq Mons Luigi Catania, fil-Pjazza tad-Dejma, tnejn fi Triq San Gwann u wieħed wara it-Torri tas-Semaforu. Is-SE talbet li l-Kunsill jingħata pjanta bir-*reservoirs* immarkati.

58/03/30 **Para 57/05/02**:- Ilmenti Nru 18114037211549 u 18114031211545 - Żewġ ilmenti li qed ikun hemm imblukkar ta' garaxxijiet fi Triq Dun Karm Fenech kif ukoll li fl-istess triq hemm *garage* li qed jintuża bħala *store* u jkun hemm inġenji kbar ipparkjati li qed jieħdu post l-ispazju fejn jistgħu jipparkjaw vetturi zgħar. Is-SE għad trid tinvestiga jekk jistgħux isiru aktar marki tat-traffiku fejn il-garaxxijiet u jekk diġa' hemm jekk dawn humiex skont il-liġi.

58/03/31 **Para 57/05/06:-** Rigward Triq Dun Karm Vella s-SE infurmat li ser tressaq il-korrispondenza mat-TM fil-laqgha li jmiss.

58/03/32 **Para 57/05/07:-** Petizzjoni għat-twaħħil ta' ATM. Is-SE għad trid tirċievi r-*write up* tal-petizzjoni dwar il-bżonn li titwaħħal ATM fir-raħal. Il-Viċi Sindku nforma li hu qed jieħu ħsieb din u ser ikun qed jgħaddilha t-*text* tal-petizzjoni.

58/03/33 **Para 57/06/06:-** *Culvert* fi Triq San Gwann: Is-SE infurmat li għad trid tikteb lill-Ministru konċernat u tinsisti sabiex dan il-*culvert* jsir kemm jista' jkun malajr qabel jibda l-istaġun tax-xita u nispjegaw l-importanza tiegħu kif ukoll il-periklu li jinħoloq kull darba li tagħmel ix-xita.

58/03/34 **Para 57/06/08:-** Is-SE infurmat li d-DGL ser jieħu ħsieb li jinbiddlu *l-computers* tal-Kunsilli. Ġie unanimament deċiż sabiex sadanittant ma jinxtarax is-*software* għall-*laptop* imma ninfurmaw lid-DGL sabiex dan is-*software* jiġi inkluż ħalli jkun konformi mal-*computers* il-ġodda li ser jipprovdi d-DGL.

58/03/35 **Para 57/06/09** *Memo 17/2014*:- *Streaming tal-Laqgħat Online* u skema ta' għajnuna finanzjarja għas- servizz tal-*internet*. Is-Sindku talab lis-SE tiċċara għalfejn qed jingħad li l-Kunsill mhuwiex eleġibbli biex japplika għal rifuzjonijiet tal-ispejjez relatati mas-servizz tal-*internet*. Is-SE ser tiċċekkja mad-DLG.

58/03/36 **Para 57/06/11** *Memo 16/2014*:- *Business Breakfast* dwar *Performance Management Indicators*. Is-SE infurmat li hi attendiet din il-laqgħa fejn ġew diskussi l-*Performance Management Indicators* li se jittieħdu ma Kunsilli differenti.

58/03/37 **Para 57/06/13:-** Il-Kunsillier Vincent Galea informa li għad irid iġib aktar informazzjoni dwar minfejn jista' jinxtara r-*rubber* sabiex jitwaħħal maż-żewġ arbli tal-elettriku li hemm fil-Ġnien il-Paċi. Rigward is-*safety carpet* is-SE infurmat li qed isegwi mal-kuntrattur.

58/03/38 **Para 57/07/01:-** Is-SE infurmat li għad trid tieħu ħsieb li tiġi irranġata *l-External Hard Disk.*

58/03/39 **Para 57/07/02:-** Il-Kunsill unanimament approva l-istima mingħand is-Sur J. Mula sabiex isir bieb tal-ħadid għas-*Searchlight Battery.* Is-SE intalbet toħroġ il-*works order*.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GĦR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : Għargħur.lc@gov.mt Website : www.Għargħur.gov.mt**

58/03/40 **Para 57/07/05:-** Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li l-attivita' tal-Ħuggiega marret tajjeb. Matul din l-attivita' inġabru oġġetti tal-ikel li issa ser jiġu ippreżentati lill-*Creche* tal-Ursolini.

**58/04 Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

58/04/01 Ġiet unanimament approvata l-iskeda ta' pagamenti mħallsa u pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali sad-data tal-laqgħa. Ġiet unanimament approvata ukoll l-iskeda tal-ħlasijiet li saru mill-*Petty Cash*.

**58/05 Ilmenti u Suggerimenti**

58/05/01 **Ilment Nru 18114021212144:-** Talba sabiex jiġi ipprojbit l-ipparjkar tal-vetturi quddiem dar fi Triq il-Kbira. Il-Kunsill unanimament qabel li din it-talba tiġi investigat għaliex jidher li f'dan il-post diġa hemm marki li juru li ma jistax isir ipparkjar ta' vetturi.

58/05/02 **Ilment Nru 18114051211974:-** Talba sabiex titwaħħal *traffic hump* bejn Triq Caravaggio u Triq 31 ta' Marzu. Il-Kunsill iddiskuta dan is-suġġeriment u ma qabilx unanimament li ssir din it-*traffic hump*.

58/05/03 **Ilment Nru 18114038212404:-** Talba mingħand resident sabiex tinbena bankina quddiem id-dar fi Triq Mons L. Catania Għargħur għaliex qed jipparkjaw il-vetturi u ma jkunx jista' jidħol fid-dar tiegħu kif ukoll kissrulu l-għatba tad-dar u kemm il-darba intlaqtet l-faċċata tad-dar. Il-Kunsill unanimament qabel li ssir bankina zgħira li filwaqt li tipproteġi l-faċċata ma tkunx wiesgħa ħalli xorta waħda ikun jista' jibqa' jsir ipparkjar ta' vetturi mingħajr ma jinħoloq inkonvenjent lil dan ir-residenti. Is-SE intalbet toħroġ *works order* lid-Dipt. Tad-Distretti sabiex issir din il-bankina.

58/05/04 **Ilment Nru 18114052212405:-** Talba mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Ġdida sabiex il-Kunsill jgħolli l-livell tat-triq quddiem id-dar tiegħu kif ukoll jitbaxxa *inspection chamber* għaliex kull meta tagħmel ix-xita kif ukoll meta l-ġirien jaħslu barra l-ilma kollhu qed jinġabar quddiem id-dar tiegħu. Il-Kunsill unanimament qabel li jintbgħatu ittri lir-residenti tat-triq fejn jiġu nfurmati dwar il-liġi li ma jistgħux jitfgħu ilma maħmuġ jew bis-sapun barra eċċ. Il-Kunsill talab lis-SE sabiex tmur mal-Perit tal-Kunsill fuq il-post ħalli tara x'jista' jsir f'dan il-każ.

58/05/05 Il-Kunsillier Fenech ressaq talba sabiex titwaħħal mera fi Triq Indipendenza faċċata ta' Triq Dun Karm Fenech. Il-Kunsill unanimament approva li tiġi ordnata din il-mera.

58/05/06 Il-Kunsillier Galea talab li jsir manutenzjoni fuq l-arloġġ tax-xemx li hemm mal-faċċata tal-knisja parokkjali. Il-Kunsillier Galea ġie infurmat li dan l-arloġġ qiegħed mal-knisja u għalhekk din it-talba ser tiġi mgħoddija lill-Kapillan.

58/05/07 Il-Kunsillier Fenech ġibed l-attenzjoni lid-dawl ta' Ġnien il-Paċi u ta' Żagħruna mhux qed jixgħel u jintefa kif suppost. Is-SE intalbet tagħmel kuntatt mal-kuntrattur ħalli jagħmel id-dawl jixgħel fit-8.00 pm sal 11.00 pm.

**58/06 Korrispondenza**

Ġiet innotata l-Korrispondenza elenkata fil-lista ppreżentata mis-SE fosthom:

58/06/01 Korrispondenza mill-MEPA dwar applikazzjonijiet godda fil-lokalita'. Din ġiet innotata.

58/06/02 Kwotazzjoni mit-Transient dwar Hire of *Audio and Light equipment* għal Jum il-Għargħur. Il-Kunsill unanimament approva din il-kwotazzjoni.

58/06/03 Korrispondenza mit-TM dwar *il-Bollards* li hemm fi Triq San Gwann. Din ġiet diskussa iżjed il-quddiem fil-laqgħa.

58/06/04 Ittra tal-Appell mingħand is-Sur Bryden Azzopardi . Din ġiet diskussa iżjed il-quddiem fil-laqgħa.

58/06/05 Memo 17/2014-Streaming tal-Laqghat online u Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għas-servizz tal-internet. Din ġiet diskussa iżjed il-quddiem fil-laqgħa.

58/06/06 Korrispondenza mid-DGL dwar *Upgrading* tal-kompjuters u Makkinarju tal-IT fil-Kunsill Lokali. Is-SE bgħatet ir-risposta mitluba mid-DGL.

58/06/07 Korrispondenza mill-*Engineer* tal-*Enemalta* dwar RWP1-0711/14 ġiet innotata mill-Kunsill. Is-SE intalbet tohrog il-permess.

58/06/08 Memo 19/2014 dwar skart mormi illegalment. Peress li qatt ma inżammet statistika, l-informazzjoni li intbagħtet kienet waħda ibbażata fuq stima.

58/06/09 Memo 20 /2014 – Kanali tal-ilma (Water Culverts). Din il-korrispondenza ġiet innotata.

58/06/10 Korrispondenza mid-DGL rigward il-*Performance Appraisal Report* u *Bonus* tal-ex Aħent Segretarju tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Aġent Segretarju kien irrifjuta il-*Performance Appraisal Bonus* u kien bgħatt dikjarazzjoni. Is-SE intalbet tibgħat il-korrispondenza kollha mitluba.

**58/07 Materja Oħra u Mistoqsijiet**

58/07/01 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-SE ġabret l-istatistika tas-servizz li ingħata fl-aħħar żewġ Sibtijiet u bgħatithom lill-LCA. Fl-ewwel Sibt kienu żaru l-Kunsill 7 residenti u fit-tieni Sibt, kien hemm 11-il-resident li żaru l-Kunsill.

58/07/02 Il-Kunsillier Fenech informa lill-Kunsill li s-Sotto Kmutat taż-żgħażagħ se jagħmlu *party* fis-*Searchlight battery* is-Sibt 16 t'Awissu 2014.

**58/08 Aġġornament**

58/08/01 Il-laqgħa ġiet aġġornata fis-6.14 pm wara li l-items fuq l-Aġenda ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra issir nhar it-Tnejn 21 ta' Lulju 2014 fis-6.00 ta' wara nofsinhar.

| | | |
|---|---|---|
| Mario Gauci | Louise-Anne Gusman | 21 ta' Lulju 2014 |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv | Data |